**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGHA TAL-KUNSILL**

**It-38 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – PC 49/15**
4. **Diskussjoni dwar il-pjanti proposti għat-tisbiħ f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena**
5. **Iż-Żmien ta' festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2015/16**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-38 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:15 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tas-37 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 26/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 26/2015 – Delega tal-Infurzar Lokali lill-Aġenzija L.E.S.A. (*Local Enforcement System Agency)*.**

2.2 Inqrat Memo 27/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 27/2015 – Kjarifiki dwar Memo 21/2015 – L-Immaniġġjar tal-Iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (L-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 28/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 28/2015 – Proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.**

2.4 Inqrat Memo 29/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 29/2015 – Iżjed Riżorsi Umani fil-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Live Streaming Claims: Memo 5/2014 - URGENT*.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Libraries Scheme – Memo 10/2015 – URGENT.***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali qabel ma jinħatru l-Presidenti tal-Kunsilli Skolastiċi.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Partner search* minn Industrijski Park Nova Gradiska d.o.o., il-Kroazja – proġett għall-programm INTERREG MED (*Priority Axis 1*).**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***European Mobility Week – Competition Two: Best Permanent Measures to Promote Sustainable Green Mobility.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Lista ta' Toroq Rurali – Fondi mill-Unjoni Ewropea, Miżura 125 tal-*RD Programme.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Programm tal-attivitajiet tal-Orkestra Nazzjonali.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 458/15* – PQ 18438 – Kuntratti ta' Ġbir ta' Skart Skaduti.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 514/15* – PQ 18445 – Eżerċizzju dwar l-applowdjar fuq il-website www.lc.gov.mt.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – For Your Attention PQ 18454.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 523/15 – PQ 18441.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kors – Għaqal id-Dar – Hajja Aħjar.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu **Ingaġġ ta' Ħaddiema fl-Iskemi bħala impjegati regolari fil-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorraine Micallef għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Twinnings***.

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claire Gerada għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Servizz ta' Wi-fi fl-Uffiċini tal-Kunsill Lokali.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Depożitar ta' flus tal-LES.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT: RE: Train the Trainer visit to Brussels – Dates being planned 2nd to 5th November.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonello Abela, Prinċipal fil-Bord tal-Kuntratti Pubbliċi, bit-titlu ***Objection QLC – SACE 49/15.***

2.22.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħala Kunsill Lokali bagħtna l-informazzjoni kollha li kellna lill-PCRB u ġejna mistoqsija kemm huwa l-ħlas dovut tal-Perit kull sena.

2.22.2 Ir-risposta mingħand il-Kunsill Lokali kienet li dan il-ħlas ikun differenti skont ix-xogħol li jsir mill-Perit matul is-sena partikolari.

2.22.3 Fis-smiegħ tal-appell, il-PCRB ċaħdet l-appell imressaq mill-Perit William Lewis fuq il-bażi li l-ammont kull sena ma jaqbiżx it-€12,000 u allura dan il-każ ma kellux għalfejn jinstema' quddiem il-PCRB.

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 45/2015 – Project Conference CENSE – Venue.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 47/2015 – Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 17 t'Ottubru 2015.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni

Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 48/2015 – Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 17 t'Ottubru 2015 – Programm u Minuti.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 49/2015 – Forum Nazzjonali fuq l-Ilsien Malti.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo mil-LESA, bit-titlu **LESA – L-Aġenzija tal-Infurzar Lokali – Pagamenti.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A18 – The Setting Up of a Tourist Hub: The Minister for Tourism Dr Edward Zammit Lewis inaugurates the new tourist information office in Marsaxlokk.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joanne Debono mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu ***Electronic Public Procurement System 24-26 November.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudette Fenech, mis-Segretarjat tal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bit-titlu ***Complaint – San Niklaw Area, Qrendi.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marthese Baldacchino, mill-*Funding Section* tal-MEPA, bit-titlu ***UIF Statement of Funds*** **(Qrendi *and* Wied iż-Żurrieq).**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Vella, Segretarju fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, bit-titlu ***Regeneration of Piazza Antoine de Paule, Paola – Possibility of Replanting a number of ficus tree in your locality.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elaine Marie Cutajar, *EU Fund Officer* fis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***URBACT III Information Day Session.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto, mid-Dipartiment tal-Immaniġġjar tat-Traffiku u s-Sigurta' fit-Toroq ta'

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Transport Malta, bit-titlu ***Reminder:* Triq Massabielle c/w Triq il-Pirinej, Qrendi.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***Roads closure due to processions.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Cutajar, *Communications Coordinator* fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, bit-titlu ***DOI – Press Release (PR152116).***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Events – Valletta 2018*, bit-titlu ***'Cultural Mapping: Debating Spaces & Places' conference invitation.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Lauren Borg, Assistent Amministrattiv fl-Assoċjazzjoni għas-Saħħa Mentali, bit-titlu ***Mental Health Association Course.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Cassar, *Quantity Surveyor* m'Agius Stone Works, bit-titlu ***Statue* ta' Ruħ taċ-Ċimiterju tal-Qrendi – *Estimate.***

2.39.1 Is-Sindku qal li issa għandna l-kwotazzjoni f'idejna u ħadna l-parir ta' nies professjonali kif għandna nmexxu f'dan il-każ.

2.39.2 Żied li applikajna għal DNO mal-MEPA u l-ewwel irridu naraw jekk din l-applikazzjoni tgħaddiex sabiex inkunu nistgħu nipproċedu.

2.39.3 Spjega li l-ammont tal-kwotazzjoni jagħtina ċ-ċans li nagħtu *direct order* minħabba li ma naqbżux l-ammont ta' €1,165.

2.39.4 Is-Sindku ppropona li għandna nikkunsidraw din il-kwotazzjoni ġaladarba jkollna l-permessi kollha mingħand il-MEPA.

2.39.5 Qal li min-naħa tiegħu tkellem ukoll mal-Kappillan dwar il-ħajt tas-sejjieħ li hemm madwar din l-istatwa.

2.39.6 Spjega kif dan il-ħajt tas-sejjieħ hemm bżonn li jiġi rranġat u qal li hu ppropona lill-Kappillan li dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur li 'l

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

quddiem se jkun qiegħed jaħdem fuq l-estensjoni taċ-ċimiterju, bħala parti mill-*corporate responsibility*.

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti, bit-titlu ***MOC Sports Awards 2015 – Local Councils Nominations.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pierre Dalli, *Executive Logisitics & Support* f'Heritage Malta, bit-titlu **Għall-attenzjoni tagħkom.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cynthia Amato, mill-Proġett LEAP!, bit-titlu ***LEAP October Training.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu **Servizz ta' Ġbir ta' Ħwejjeġ.**

2.43.1 Is-Sindku qal li rridu naraw fejn se jkollna spazju sabiex inżommu dawn il-ħwejjeġ għax s'issa mill-esperjenza dejjem ikollna konkorrenza tajba ħafna.

2.43.2 Żied li l-ġbir għandu jkun perjodiku u nitkellmu mal-GreenPAK dwar dan sabiex meta jkollna ħwejjeġ biżżejjed ikunu jistgħu jiġu jiġbruhom.

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu ***Green Bags.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu ***REMINDER: Distribution of GreenPAK's Green Bags.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu **IMPORTANTI – Informazzjoni ġdida fuq skart riċiklabbli.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christabel Grima mill-NSO, bit-titlu ***Job Vacancies Survey Quarter 3 – JVS 56841.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Grech, Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **Mill-Iskola Primarja.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Francis Pullicino bit-titlu ***Mineral Green Malta.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Salvino Zammit, Ċerpersin u Koordinatur tal-Attivitajiet tal-Parroċċa, bit-titlu **Attivita' Ottubru 2015.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Edwin Attard, President tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Atletika, bit-titlu ***Road Race at* Maqluba (*Limits of* Qrendi) *on 31st October 2015.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Frenċ Magri bit-titlu **Wied iż-Żurrieq.**

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Gordon Cutajar bit-titlu **Wied iż-Żurrieq.**

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Zammit bit-titlu **Wied iż-Żurrieq.**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jennifer Vassallo bit-titlu ***Rent.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alon Michael Hattingh, Produttur Eżekuttiv ma' *Rock Productions Malta Ltd.,* bit-titlu ***Photo Shoot at Blue Grotto.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 3. AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – PC 49/15

3.1 Is-Sindku qal li rridu naraw kif se nipproċedu fuq din is-sejħa għall-offerti wara li kienu sitta li tefgħu l-offerta tagħhom.

3.2 Qal li l-offerenti kienu:

1. Clayton D'Amato
2. WM Environmental Ltd.
3. Carmel Mazzitelli
4. Brian Borg
5. Robert Bezzina
6. Malcolm Barbara

3.3 Spjega li l-ideal jkun li niltaqgħu mas-sitt offerenti u niddiskutu magħhom qabel naslu biex nieħdu deċiżjoni.

3.4 Żied li l-Kunsill Lokali jrid jiddeċiedi jekk jitwaqqafx sotto-kumitat apposta sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn il-laqgħat, sabiex ma jkunx hemm biss is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv preżenti.

3.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li jekk ikun hemm tliet rappreżentanti tal-Kunsill Lokali f'dan is-sotto-kumitat ikun biżżejjed.

3.6 Wara diskussjoni ġie deċiż li s-sotto-kumitat se jkun iffurmat kif ġej:

David Schembri (Sindku u Ċerpersin tas-Sotto-Kumitat)
Charles Zerafa (Viċi Sindku)
Daniel Farrugia (Kunsillier u *Minority Leader*)
Chris Falzon (Segretarju Eżekuttiv)

## 4. DISKUSSJONI DWAR IL-PJANTI PROPOSTI GĦAT-TISBIĦ F'MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

4.1 Is-Sindku David Schembri ressaq il-pjanti proposti mill-Perit tal-Kunsill Lokali għat-tisbiħ ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

4.2 Spjega kif dawn il-pjanti ġew imressqa mill-Perit Anthony Bezzina sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jibda bl-applikazzjoni quddiem il-MEPA ħalli jekk kemm-il darba joħorġu fondi Ewropej, ikollna kollox lest sabiex inkunu nistgħu napplikaw u nibbenefikaw.

4.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li kieku tkun ideali jekk nitkellmu mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, sabiex naraw jekk huma wkoll iridux jidħlu parti minn dan il-proġett, minħabba li biex ikun komplut irridu nidħlu fil-konfini taż-Żurrieq.

4.4 Is-Sindku qal li dak li qegħdin naraw quddiemna huma biss proposti, għaliex sal-lum għadha ma ddaħlet l-ebda applikazzjoni quddiem il-MEPA.

4.5 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu japprova dawn il-pjanti u jipproċedi.

4.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-pjanti proposti mill-Perit.

## 5. IŻ-ŻMIEN TA' FESTI TAL-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA 2015/16

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li din is-sena jmiss lis-Soċjeta' Mużikali Santa Marija li jarmaw id-dwal wara l-Monument tal-Gwerra.

5.2 Spjega kif fil-jiem li ġejjin se nkunu qegħdin niktbu lis-Soċjeta' sabiex nikkonfermaw li huma interessati li jarmaw din iż-żona.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.3 Fakkar li l-Kunsill Lokali jħallas is-somma ta' €1,000 sabiex jintrama' dan id-dawl.

5.4 Is-Sindku staqsa wkoll jekk għandniex nerġgħu narmaw il-*horns* fil-qalba tal-lokal sabiex matul iż-żmien ta' festi tindaqq mużika tal-Milied.

5.5 Qal li s-sena li għaddiet l-idea ntlaqgħet tajjeb ħafna u dan minħabba li l-volum tal-mużika ma kienx għoli ħafna u l-ħinijiet li fihom kienet tindaqq il-mużika kienu aċċettabbli.

5.6 Ippropona li għal din is-sena għandna nerġgħu narmaw dawn il-*horns*.

5.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament fuq dawn iż-żewġ proposti.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-i*sponsorship* li l-Kunsill Lokali se jirċievi mingħand l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, li mistenni jammonta għal €10,000 għadu ma wasalx bil-miktub, imma għandu informazzjoni li fil-jiem li ġejjin se tkun qed taslilna l-konferma sabiex inkunu nistgħu nagħmlu ċertu xogħolijiet fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq u l-madwar.

6.1.1 Qal li x-xogħolijiet se jkunu jinkludu:

- Installazzjoni ta' diversi lampi ġodda fi Triq Ħaġar Qim, Triq il-Panorama u anke f'Wied iż-Żurrieq
- Tiswija tal-moll bejn il-'ponta' u l-'ponot'

6.1.2 Spjega kif biex isir ċertu xogħol irridu l-permessi kollha mingħand il-MEPA, l-Enemalta u anke Transport Malta.

6.1.3 Żied li l-applikazzjoni l-MEPA sabiex jiġi rranġat il-moll mhux se

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tgħaddi sa Diċembru ta' din is-sena imma xorta waħda qegħdin nittamaw li x-xogħolijiet isiru sa Mejju tas-sena d-dieħla.

6.2 Is-Sindku tkellem dwar *Arts in Open Spaces* u qal li kif diġa' tkellem f'diversi laqgħat oħra, kien hemm żewġ applikazzjoniet fuq il-Qrendi.

6.2.1 Spjega kif l-applikazzjoni intitolata *Mother Tongue* ġiet magħżula għall-fażi finali u minn għaxar proġetti jridu jintagħżlu sitta.

6.2.2 Żied li fil-preżent għad mhemmx deċiżjoni finali mill-bord tal-għażla, biss għandna niġu infurmati meta din tittieħed.

6.2.3 Qal li fuq il-proġett *Mother Tongue* kien hemm diversi persuni li kkummentaw, speċjalment meta l-idea ttellgħet fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali.

6.2.4 Żied li dawn il-kummenti kienu mħallta, b'diversi minnhom tajbin u kostruttivi, filwaqt li oħrajn kienu inqas tajbin.

6.2.5 Il-Kunsillier Daniela Farrugia staqsiet jekk kemm-il darba dan il-proġett jintagħżel huwiex bilfors li jsir.

6.2.6 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li wieħed mill-kummenti kien ftit negattiv f'dan ir-rigward, tant li dan il-proġett ġie mxebbaħ ma' monumenti oħra.

6.2.7 Is-Sindku saħaq li xorta waħda kien hemm diversi kummenti pożittivi dwar din l-inizjattiva.

6.2.8 Il-Kunsillieri Farrugia u Sant Mifsud staqsew jekk jistax ikun hemm tibdil fl-istruttura jekk kemm-il darba jintagħżel dan il-proġett.

6.2.9 Is-Sindku wieġeb li l-ewwelnett irridu naraw jekk dan il-proġett huwiex se jintagħżel, imbagħad wieħed ikun jista' forsi jiddiskuti jekk jistgħux isiru modifikazzjonijiet żgħar wara li tittieħed id-deċiżjoni finali mill-bord tal-għażla.

6.2.10 Żied ifakkar li fil-laqgħat preċedenti, l-membri tal-Kunsill Lokali qablu unanimament dwar iż-żewġ proġetti li kienu se jiġu sottomessi u dan

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

għamluh bla riserva.

6.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar biċċa art li hemm fi Triq it-Tempesta, eżatt x'ħin taqbeż ir-*roundabout*, int u dieħel il-Qrendi.

6.3.1 Qal li din l-għalqa hija mikrija biċ-ċnus u allura din suppost qiegħda tinħadem.

6.3.2 Spjega kif fil-preżent il-Kunsill Lokali qiegħed iħares lejn din il-biċċa għalqa sabiex jiċċekkja jekk hux qiegħda tinħadem, sabiex jekk le, ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex tkun tista' tgħaddi lura għand il-Gvern, imbagħad nieħdu ħsiebha aħna minħabba li qiegħda tkerraħ l-ambjent tal-madwar.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-15 t'Awwissu u qal li saret laqgħa ta' koordinazzjoni bejn l-entitajiet kollha.

6.4.1 Qal li se nagħmlu minn kollox sabiex din it-triq titlesta' sal-aħħar ta' din is-sena, kif ukoll se nkun qegħdin nieħdu ħsieb li nirranġaw quddiem wieħed mill-bus xelters li jinsabu fi Triq it-Tempesta.

6.4.2 Tkellem ukoll dwar il-bankina ta' Triq il-15 t'Awwissu u spjega kif nofs din il-bankina għadha fi stat tajjeb, filwaqt li hemm biċċa oħra li tinsab fi stat ħażin.

6.4.3 Spjega kif wara diskussjoni mal-Perit tal-Kunsill Lokali kif ukoll mal-kuntrattur li se jieħu ħsieb ix-xogħol, ġie deċiż li l-biċċa t-tajba għandha tibqa' kif inhi, u l-biċċa l-oħra ssir mill-ġdid.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar Triq is-Siġġiewi u qal li sal-lum bqajna bla risposta suffiċjenti dwar x'se jkun qiegħed jiġri f'din it-triq.

6.5.1 Spjega kif irċevejna komunikazzjoni mill-MEPA li qiegħda tivverifika li l-obbligazzjonijiet li kellu Polidano Bros. Ltd., saru kollha u allura ma kienx hemm għalfejn li jitwaqqfu x-xogħolijiet.

6.5.2 Qal li bħala Kunsill Lokali tlabna li ssir laqgħa mal-partijiet kollha konċernati sabiex inkunu nistgħu naraw eżatt għaliex twaqqaf ix-xogħol u kif ukoll naraw jekk hemmx xi possibilita' li x-xogħol jitkompla.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq Misraħ is-Sinjura u qal li x-xogħol miexi sew u issa fadal biss li jingħata l-wiċċ tat-tarmak.

6.7 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Triq il-Puniċi u spjega kif il-kuntrattur li se jkun qiegħed jaħdem f'din it-triq qed jistenna xi affarijiet mill-*Water Services Corporation* sabiex ikun jista' jkompli bix-xogħolijiet.

6.8 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Panorama u qal li s-sejħa għall-offerti ntrebħet minn kuntattur partikolari, imma jidher li dan il-kuntrattur qiegħed isib xi problemi sabiex jibda x-xogħol fuq din it-triq.

6.8.1 Spjega kif mill-informazzjoni li waslitlu jidher, li dan il-kuntrattur rebaħ diversi tenders tal-Gvern, u dan minħabba li tefa' prezzijiet relattivament redikoli, u issa spiċċa ma jagħmilx ix-xogħolijiet rikjesti.

6.9 Is-Sindku tkellem dwar il-*Lifelong Learning* u qal li bħalissa qegħdin isiru l-korsijiet tal-Monasteru, kif ukoll il-kors tal-Parċmina li qiegħed isir fuq livell personali u mhux taħt din l-iskema.

6.9.1 Spjega kif wara diversi battikati rnexxielna nirranġaw sabiex isir il-kors tal-Monasteru għall-aħħar darba, u dan minħabba li sena wara l-oħra dejjem qiegħed ikun hemm l-istess studenti.

6.9.2 Qal li personalment jixtieq li jsir aktar moniteraġġ tas-sala tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn il-korsijiet.

6.9.3 Punt importanti li ssemma' kien l-indafa ta' din is-sala, fejn is-Sindku saħaq li l-post għandu jinżamm nadif minn darba għall-oħra li jintuża', u talab lill-Kunsillier responsabbli sabiex tikkomunika mal-parteċipanti ta' dawn il-korsijiet ħalli jħallu l-post nadif u joħorġu l-iskart domestiku wara s-sessjonijiet tagħhom.

6.10 Is-Sindku tkellem dwar koppja partikolari li għandhom tifel bi bżonnijiet differenti u li joħduh għar-rikreazzjoni tiegħu fi Ġnien Nicolo' Communet.

6.10.1 Qal li dawn il-ġenituri għamlu talba sabiex jaraw jekk tistax issir xatba mad-daħla tal-Ġnien sabiex il-post ikun aktar sigur u jkollhom

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

moħħhom mistrieħ li t-tifel ma jibqax ħiereġ jiġri 'l barra mill-Ġnien, bil-konsegwenza li tista' ttajru xi karozza.

6.10.2 Żied li l-Kunsill Lokali għandu fondi allokati għal affarijiet simili, skema mnhedija mir-Reġjun tan-Nofsinhar, u allura għandna naraw jekk nistgħux nagħmlu din ix-xatba.

6.10.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

6.11 Is-Sindku tkellem dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq it-Tempesta u qal li s'issa għadna ma wasalna mkien mill-proposti li għamilna lil Transport Malta.

6.11.1 Qal li sal-lum il-ġurnata għadna ma rċivejna l-ebda risposta dwar il-proposti li għamilna bħala Kunsill Lokali u dan sabiex Triq it-Tempesta tkun aktar sikura u nnaqqsu l-periklu u l-inċidenti.

6.11.2 Is-Sindku ressaq proposta jekk għandniex nikkunsidraw li ninstallaw *speed cameras* fi Triq it-Tempesta u dan sabiex innaqqsu l-veloċita' li biha jsuqu l-karozzi li jkunu għaddejjin mill-by-pass.

6.11.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta u se nkunu qegħdin niċċekkjaw jekk dawn l-i*speed cameras* ikunux viabbli.

6.12 Is-Sindku tkellem dwar il-bust ta' Dun Santu Agius, propost li jsir fl-Iskola Primarja tal-Qrendi.

6.12.1 Qal li x-xogħol fuq dan il-bust miexi ġmielu u għandna wkoll l-approvazzjoni mingħand il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħolijiet sabiex dan il-bust ikun jista' jsir fl-Iskola Primarja.

6.13 Is-Sindku tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016 u qal li jidher li diġa' hemm interess f'dan il-Festival anke mix-xena internazzjonali.

6.13.1 Saħaq li jkun importanti li sal-laqgħa li jmiss jkun innominat is-sotto-kumitat ta' dan il-Festival u jibdew isiru l-laqgħat mal-i*stakeholders* speċifiċi ta' dan il-Festival.

6.13.2 Żied li din is-sena rċevejna s-somma ta' €5,000 bħala għajnuna mill-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Gvern Ċentrali u bħala Kunsill Lokali ma nixtiequx li jnaqqsulna l-fondi, u għaldaqstant irridu naħdmu sabiex il-Festival jerġa' jkun ta' livell tajjeb ħafna.

6.14 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon tkellem dwar l-*Eco Wardens* u qal li wara li vverifika mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar Elizabeth Vassallo, ħareġ li bħala Kunsill Lokali għandna sebgħin siegħa li nistgħu nużawhom mingħajr ħlas.

6.14.1 Spjega li hemm bżonn l-*Eco Wardens* sabiex innaqqsu l-problema tal-iskart domestiku li qiegħed jinħareġ kmieni filgħaxija, jew inkella matul il-ġurnata meta jkun għadda l-kollettur.

6.14.2 Żied li għalkemm kien hemm xi ftit persuni li lmentaw dwar it-tneħħija tal-iskips minn madwar il-lokalita', nistgħu ngħidu li s-sitwazzjoni tjiebet ħafna mindu neħħejniehom.

6.14.3 Saret diskussjoni f'liema toroq se jibdew jintbagħtu l-*Eco Wardens*, b'mod speċjali għall-ħmistax li ġejjin u ssemmew dawn it-toroq:

- Triq l-Imqabba
- Triq il-15 t'Awwissu
- Triq San Mattew
- Triq it-Tempesta k/ma' Triq San Ġwakkin
- Triq it-Tempesta k/ma' Triq Ħal-Lew
- Triq it-Torri
- Triq Filippu Gutenberg k/ma' Triq il-Bali Guarena

6.14.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dawn it-toroq kif ukoll ġew deċiżi l-ġranet u l-ħinijiet meta għandhom ikunu preżenti l-*Eco Wardens*.

6.15 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-*weekend break* li l-Kunsill Lokali qiegħed jaħseb sabiex jorganizza għall-ewwel darba.

6.15.1 Qal li b'kollox irċevejna tliet kwotazzjonijiet minn tliet ħotels differenti u kollha kienu *half board*.

6.15.2 Il-kwotazzjonijiet li rċevejna kienu hekk:

1. Vivaldi Hotel - €50 kull lejl kull persuna
2. Dolmen Hotel - €35 kull lejl kull persuna
3. Paradise Bay Hotel - €30 kull lejl kull persuna

6.15.3 Spjega kif il-Kunsill Lokali xtaq li dan il-*weekend break* isir bejn it-13 u l-15 ta' Novembru imma kien hemm problema għax f'dik tmiem il-ġimgħa se ssir il-laqgħa tas-Sindku u l-Viċi Sindki.

6.15.4 Qal li l-Paradise Bay Hotel għandhom kmamar biżżejjed fi tmiem il-ġimgħa ta' bejn is-27 u d-29 ta' Novembru u allura tkun ideali jekk norganizzawh f'dik il-lukanda partikolari.

6.15.5 Żied li sabiex isir dan il-*weekend break* iridu jibbukkjaw mill-inqas 20 persuna.

6.15.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li l-*weekend break* se jsir fil-Paradise Bay Hotel bejn is-27 u d-29 ta' Novembru 2015.

6.16 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-websajt tal-Kunsill Lokali u ppreżenta żewġ ritratti li juru kif ġej dan is-sit.

6.16.1 Spjega xi dettalji dwar kif qed jiġi żviluppat dan is-sit u x'inhi l-idea inġenerali.

6.17 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq Sant'Anna u qal li qiegħed jirċievi xi lmenti minn xi residenti minħabba li din it-triq hemm bżonn li tinkines aktar ta' spiss.

6.17.1 Is-Sindku wieġeb li din it-triq suppost tinkines darba f'ġimgħa u mhijiex sorpriża li jkun hemm ħafna trab f'din it-triq partikolari minħabba li għadu qiegħed isir ix-xogħol fuq postijiet li għadhom qed jinbnew.

6.17.2 Żied li se nkunu qegħdin nitkellmu mal-kuntrattur tal-knis sabiex nippruvaw nirrisolvu din is-sitwazzjoni.

6.18 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet Triq Sant'Anna tistax issir *one*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*way*.

6.18.1 Is-Sindku wieġeb li fil-preżent mhuma jaslulu l-ebda rapporti li qiegħed ikun hemm xi ostakoli, u din it-triq mhijiex xi waħda li minnha jgħaddu ħafna karozzi, għaldaqstant ma tantx tagħmel sens li din issir *one way*.

6.19 Il-Kunsillier Daniela Farrugia tkellmet dwar Triq il-Warda, fil-parti li qiegħda *one way*, u staqsiet jekk tistax issir tabella li karozzi xorta waħda jkunu jistgħu jidħlu kontra r-regolamenti tat-toroq *one way*, jekk se jkunu se jagħtu servizz f'din it-triq.

6.19.1 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba ssir din it-tabella se nkunu qegħdin nikontradixxu lilna nfusna, nħawdu lill-pubbliku inġenerali u jkollna kjass sħiħ.

6.20 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li min-naħa tagħha tkellmet mal-Kappillan Dun Glen Buhagiar dwar il-proposta li semmiet fl-aħħar laqgħa, sabiex iċ-Ċentru Pastorali Parrokjali jibda jintuża' bħalha l-lok fejn fih jiltaqgħu ż-żgħażagħ u l-adoloxxenti.

6.20.1 Qalet li l-Kappillan kellu jkellimha lura dwar din il-proposta.

6.21 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar Triq Ġużeppi Muscat k/ma' Triq Filippu Zammit u qal li hemm bżonn li jsir xi *patching* minħabba li hemm diversi ħofor.

6.21.1 Is-Sindku qal li din il-problema se nieħdu ħsiebha fil-jiem li ġejjin.

## 7. <u>FINANZI</u>

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €10,570.73c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/15 u €59.01c skont il-*Petty Cash* Ref S/09.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 8. <u>AĠĠORNAMENT</u>

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |